Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 30 ta' Awwissu 2023**
**(OR. en)**

**12481/23**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0104(COD)**

**DRS 44**
**EF 262**
**ECOFIN 838**
**SUSTDEV 114**
**COMPET 823**
**DELACT 122**

## NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 21 ta' Awwissu 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | C(2023) 5303 final |
| Suġġett: | REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 31.7.2023 li jissupplimenta d-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 5303 final.

---

Mehmuż: C(2023) 5303 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.7.2023
C(2023) 5303 final

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

**ta' 31.7.2023**

**li jissupplimenta d-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MT

MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Id-Direttiva dwar il-Kontabilità (2013/34/UE[1]) kif emendata mid-Direttiva dwar ir-Rapportar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà (CSRD - 2022/2464[2]) tirrikjedi li kumpaniji kbar u kumpaniji żgħar u ta' daqs medju (SMEs) elenkati, kif ukoll kumpaniji omm ta' gruppi kbar, jinkludu f'taqsima ddedikata tar-rapport ta' ġestjoni tagħhom l-informazzjoni meħtieġa biex jinftiehmu l-impatti tal-kumpanija fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, u l-informazzjoni meħtieġa biex jinftiehem kif kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà jaffettwaw l-iżvilupp, il-prestazzjoni u l-pożizzjoni tal-kumpanija[3].

Din l-informazzjoni trid tiġi rrapportata skont l-Istandards Ewropej tar-Rapportar dwar is-Sostenibbiltà (ESRS), li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati li jridu jispeċifikaw il-kontenut u, fejn rilevanti, l-istruttura li għandha tintuża biex tiġi ppreżentata dik l-informazzjoni[4]. Din l-informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni relatata ma' orizzonti ta' żmien qasir, medju u twil, kif applikabbli,[5] u għandu jkun fiha[6]: (i) deskrizzjoni qasira tal-mudell tan-negozju u l-istrateġija tal-impriża; (ii) deskrizzjoni tal-miri marbuta biż-żmien relatati ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà stabbiliti mill-impriża; (iii) deskrizzjoni tar-rwol tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, u l-għarfien espert u l-ħiliet rilevanti jew l-aċċess għalihom; (iv) deskrizzjoni tal-politiki tal-impriża fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà; (v) informazzjoni dwar l-eżistenza ta' skemi ta' inċentivi marbuta ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà; (vi) deskrizzjoni tal-proċess ta' diliġenza dovuta implimentat mill-impriża fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà; (vii) l-impatti avversi attwali jew potenzjali prinċipali marbuta mal-operazzjonijiet tal-impriża stess u mal-katina tal-valur tagħha; (viii) kwalunkwe azzjoni meħuda mill-impriża fir-rigward ta' impatti avversi attwali jew potenzjali, u r-riżultat ta' tali azzjonijiet; (ix) deskrizzjoni tar-riskji prinċipali għall-impriża relatati ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà; (x) indikaturi rilevanti għad-divulgazzjonijiet meħtieġa. Fejn applikabbli, għandu jkun fiha informazzjoni dwar l-operazzjonijiet tal-impriża stess u dwar il-katina tal-valur tagħha, inklużi l-prodotti u s-servizzi tagħha, ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha u l-katina tal-provvista tagħha.

---

[1] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

[2] Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15). Din id-Direttiva saħħet u rrevediet ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarja introdotti fid-Direttiva dwar il-Kontabilità bid-Direttiva 2014/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn ċerti impriżi u gruppi kbar (id-Direttiva dwar ir-Rapportar Mhux Finanzjarju – NFRD).

[3] Ir-rekwiżiti ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà għal impriżi kbar u SMEs elenkati huma stabbiliti fl-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva dwar il-Kontabilità. Id-Direttiva dwar il-Kontabilità kif emendata mis-CSRD tirrikjedi wkoll li l-fergħat jew is-sussidjarji ta' ċerti kumpaniji mhux tal-UE jirrapportaw ċerta informazzjoni dwar is-sostenibbiltà (l-Artikolu 40a). L-obbligu ta' rapportar fuq dawn il-fergħat u s-sussidjarji se japplika mis-sena finanzjarja 2028 u l-informazzjoni li trid tiġi rrapportata se tiġi speċifikata fi standards separati mhux koperti minn dan l-att delegat.

[4] L-Artikolu 29b(1), l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva dwar il-Kontabilità.

[5] L-Artikoli 19a(2), it-tieni subparagrafu, u 29a(2), it-tieni subparagrafu tad-Direttiva dwar il-Kontabilità.

[6] L-Artikoli 19a(2) u (3) u 29a(2) u (3) tad-Direttiva dwar il-Kontabilità.

L-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà jridu jissodisfaw ukoll ir-rekwiżiti li ġejjin: (i) jiżguraw il-kwalità tal-informazzjoni rrappurtata[7]; (ii) jevitaw li jimponu piż amministrattiv sproporzjonat fuq l-impriżi[8]; (iii) jispeċifikaw l-informazzjoni li l-impriżi għandhom jiddivulgaw dwar fatturi speċifiċi ambjentali, soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem, u ta' governanza[9]; (iv) jispeċifikaw l-informazzjoni li tħares 'il quddiem, retrospettiva, kwalitattiva u kwantitattiva, kif xieraq, li għandha tiġi rrapportata mill-impriżi[10]; (v) iqisu d-diffikultajiet li l-impriżi jistgħu jiltaqgħu magħhom fil-ġbir ta' informazzjoni minn atturi tul il-katina tal-valur tagħhom[11]; (vi) jispeċifikaw divulgazzjonijiet dwar il-ktajjen tal-valur li huma proporzjonati u rilevanti għall-kapaċitajiet u l-karatteristiċi tal-impriżi fil-ktajjen tal-valur, u għall-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom[12]; (vii) ma jispeċifikawx divulgazzjonijiet li jkunu jirrikjedu li l-impriżi jiksbu informazzjoni mill-SMEs fil-katina tal-valur tagħhom li taqbeż l-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata skont l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għall-SMEs[13]; (viii) iqisu, kemm jista' jkun, il-ħidma ta' ċerti inizjattivi globali li jistabbilixxu l-istandards u ċerti standards u oqfsa eżistenti, kif ukoll ir-rekwiżiti li jirriżultaw minn biċċiet speċifiċi ta' atti tal-Unjoni[14].

Il-Kummissjoni trid tadotta dawn l-istandards filwaqt li tqis il-parir tekniku pprovdut mill-EFRAG[15], assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ stabbilita skont il-liġi Belġjana li sservi l-interess pubbliku Ewropew kemm fir-rapportar finanzjarju kif ukoll fir-rapportar dwar is-sostenibbiltà billi tiżviluppa u tippromwovi fehmiet Ewropej fil-qasam tar-rapportar finanzjarju u dwar is-sostenibbiltà. Il-parir tekniku tal-EFRAG irid jissodisfa wkoll ċerti rekwiżiti[16]. Fl-2022, l-EFRAG immodifika l-governanza tiegħu biex tirrifletti r-rwol il-ġdid tiegħu fl-iżvilupp tal-ESRS. B'mod partikolari, huwa rreveda s-sħubija tiegħu biex tirrifletti bilanċ bejn il-partijiet ikkonċernati, inklużi l-impriżi, l-investituri, l-awdituri, it-trade unions, is-soċjetà ċivili, l-akkademiċi u dawk li jistabbilixxu l-istandards tal-kontabilità nazzjonali.

7 L-Artikolu 29b(2), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva dwar il-Kontabilità.

8 L-Artikolu 29b(2), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva dwar il-Kontabilità.

9 L-Artikolu 29b(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva dwar il-Kontabilità.

10 L-Artikolu 29b(3) tad-Direttiva dwar il-Kontabilità.

11 L-Artikolu 29b(4) tad-Direttiva dwar il-Kontabilità.

12 L-Artikolu 29b(4) tad-Direttiva dwar il-Kontabilità.

13 L-Artikolu 29b(4) tad-Direttiva dwar il-Kontabilità.

14 L-Artikolu 29b(5) tad-Direttiva dwar il-Kontabilità. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li trid titqies hija r-Regolament dwar id-Divulgazzjonijiet Finanzjarji Sostenibbli (SFDR - 2019/2088) u l-atti delegati relatati, l-atti delegati rilevanti adottati skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija (2020/852), l-atti delegati rilevanti adottati skont ir-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji (2016/1011), ċerti atti ta' implimentazzjoni adottati skont ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR - 575/2013), ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti u organizzazzjonijiet (2013/179/UE), id-Direttiva dwar l-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (2003/87/KE), ir-Regolament dwar in-newtralità klimatika (2021/1119), ir-Regolament dwar l-EMAS (1221/2009), id-Direttiva dwar l-Informaturi (2019/1937).

15 L-Artikolu 49(3b) id-Direttiva dwar il-Kontabilità. L-EFRAG qabel kien jissejjaħ il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rapportar Finanzjarju. Fl-2022 bidel ismu għal sempliċiment l-EFRAG.

16 L-Artikolu 49(3b) tad-Direttiva dwar il-Kontabilità jispeċifika r-rekwiżiti li ġejjin għall-parir tekniku tal-EFRAG: (i) ikun ġie żviluppat bi proċess xieraq, sorveljanza pubblika u trasparenza, bl-għarfien espert u l-parteċipazzjoni bbilanċjata tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, u b'finanzjament pubbliku suffiċjenti biex tiġi żgurata l-indipendenza tiegħu; (ii) ikun ġie żviluppat abbażi ta' programm ta' ħidma li dwaru tkun ġiet ikkonsultata l-Kummissjoni; (iii) ikun akkumpanjat minn analiżijiet tal-kostijiet imqabbla mal-benefiċċji li jinkludu analiżijiet tal-impatti tal-parir tekniku fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà; (iv) ikun akkumpanjat minn spjegazzjoni ta' kif iqis il-ħidma ta' ċerti inizjattivi globali li jistabbilixxu l-istandards u ta' ċerti standards u oqfsa eżistenti, kif ukoll ir-rekwiżiti li jirriżultaw minn biċċiet speċifiċi ta' atti tal-Unjoni; (v) il-parteċipazzjoni fil-ħidma tal-EFRAG fil-livell tekniku tkun ibbażata fuq għarfien espert fir-rapportar dwar is-sostenibbiltà u ma tkunx kundizzjonali fuq kontribuzzjoni finanzjarja; (vi) id-dokumenti ta' akkumpanjament jiġu ppreżentati flimkien mal-parir tekniku.

Id-Direttiva dwar il-Kontabilità tirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta l-ewwel sett ta' standards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà sat-30 ta' Ġunju 2023[17]. Dawn l-istandards iridu jispeċifikaw l-informazzjoni li l-kumpaniji jridu jirrapportaw f'konformità mal-Artikolu 19a(1) u (2), u l-Artikolu 29a(1) u (2) tad-Direttiva dwar il-Kontabilità, inkluż mill-inqas l-informazzjoni li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jeħtieġu sabiex jikkonformaw mal-obbligi ta' divulgazzjoni tar-Regolament dwar id-Divulgazzjonijiet Finanzjarji Sostenibbli (SFDR - 2019/2088)[18].

L-EFRAG ippreżenta lill-Kummissjoni l-parir tekniku tiegħu dwar l-ewwel sett ta' standards fit-22 ta' Novembru 2022[19]. Dan il-parir tekniku ġie żviluppat abbażi ta' programm ta' ħidma li dwaru l-Kummissjoni ġiet ikkonsultata f'Diċembru 2021. Huwa akkumpanjat minn analiżi kost-benefiċċji li tinkludi analiżi tal-impatti tal-parir tekniku fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, minn nota dwar il-proċess dovut segwit mill-EFRAG fl-iżvilupp tal-parir tekniku tiegħu, u minn spjegazzjoni ta' kif il-parir tekniku jqis il-ħidma ta' ċerti inizjattivi globali li jistabbilixxu l-istandards u ta' ċerti standards u oqfsa eżistenti, kif ukoll ir-rekwiżiti li jirriżultaw minn biċċiet speċifiċi ta' atti tal-Unjoni.

Dan l-att delegat jadotta l-ewwel sett ta' Standards Ewropej tar-Rapportar dwar is-Sostenibbiltà (ESRS) li l-impriżi għandhom jużaw biex iwettqu r-rapportar dwar is-sostenibbiltà tagħhom f'konformità mal-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva dwar il-Kontabilità. L-ESRS f'dan l-ewwel sett huma agnostiċi għas-setturi, li jfisser li japplikaw għall-impriżi kollha taħt il-kamp ta' applikazzjoni tas-CSRD irrispettivament minn liema settur jew setturi topera fihom l-impriża. Il-Kummissjoni se timmonitorja l-implimentazzjoni tal-istandards li jinsabu f'dan l-att delegat biex tiżgura li dawn iwasslu għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni rilevanti, affidabbli u komparabbli dwar is-sostenibbiltà.

Fis-snin li ġejjin il-Kummissjoni hija mistennija tadotta atti delegati addizzjonali għal settijiet addizzjonali ta' standards. Is-CSRD teħtieġ li l-Kummissjoni tadotta sa Ġunju 2024: standards speċifiċi għas-settur, standards proporzjonati għall-SMEs elenkati, u standards għal kumpaniji mhux tal-UE.

## 2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Qabel is-sottomissjoni tal-parir tekniku tiegħu lill-Kummissjoni, l-EFRAG organizza diversi avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni ma' diversi gruppi ta' partijiet ikkonċernati minn Mejju sa Lulju 2022, u mexxa konsultazzjoni pubblika dwar it-13-il abbozz tal-Abbozzi ta' Espożizzjoni tal-ESRS żviluppati mit-Task Force tal-Proġett tal-EFRAG minn April sa Awwissu 2022. Fid-dawl tal-kummenti li waslu matul dawn il-konsultazzjonijiet, l-EFRAG irreveda l-Abbozzi ta' Espożizzjoni u indirizza t-tħassib tal-partijiet ikkonċernati. L-oqsma ewlenin ta' modifika kienu:

(a) Tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' rekwiżiti ta' divulgazzjoni u punti ta' *data*. L-EFRAG naqqas l-għadd ta' rekwiżiti ta' divulgazzjoni b'40 % u l-għadd ta' punti ta' *data* individwali b'madwar 50 %.

(b) Kunsiderazzjoni ulterjuri tal-istandards globali tar-rapportar, b'mod partikolari biex tiġi żgurata kemm jista' jkun interoperabbiltà mal-istandards futuri li qed jiġu

[17] L-Artikolu 29b(1), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva dwar il-Kontabilità.
[18] Ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji (ĠU L 317, 9.12.2019, p. 1).
[19] L-ewwel sett ta' standards tal-EFRAG huwa disponibbli fuq https://www.efrag.org/lab6.

żviluppati mill-Bord tal-Istandards Internazzjonali tas-Sostenibbiltà u mal-istandards tal-Inizjattiva Globali ta' Rapportar.

(c) Rwol aktar ċentrali għall-proċess tal-valutazzjoni tal-materjalità, u b'mod partikolari t-tneħħija tal-prinċipju li l-informazzjoni kollha preskritta fl-istandards jenħtieġ li titqies materjali għall-impriża sakemm ma jiġix muri mod ieħor (l-hekk imsejħa "preżunzjoni konfutabbli"). Skont il-parir tekniku tal-EFRAG ippreżentat lill-Kummissjoni, id-divulgazzjonijiet kollha jkunu soġġetti għal valutazzjoni tal-materjalità mill-impriża li tirrapporta, bl-eċċezzjoni ta':

– Ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni u l-punti ta' *data* kollha fl-istandard "Divulgazzjonijiet ġenerali", li jispeċifika l-informazzjoni essenzjali li trid tiġi ddivulgata irrispettivament minn liema kwistjoni ta' sostenibbiltà tkun qed tiġi kkunsidrata.

– Ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni u l-punti ta' *data* kollha fl-istandard tal-klima, li jkunu obbligatorji għall-impriżi kollha fil-kamp ta' applikazzjoni.

– Ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni u l-punti ta'*data* kollha li huma inklużi fl-istandards minħabba li jikkorrispondu direttament mal-ħtiġijiet ta' informazzjoni ta' partijiet oħra biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tagħhom stess skont biċċiet separati ta' leġiżlazzjoni. Dan jirreferi speċifikament għal informazzjoni li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jeħtieġu sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tagħhom dwar l-impatti avversi prinċipali skont ir-Regolament dwar Divulgazzjonijiet Relatati mas-Sostenibbiltà tas-Servizzi Finanzjarji; l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà li l-amministraturi tal-parametri referenzjarji jeħtieġu sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tagħhom skont ir-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji; u l-informazzjoni li l-istituzzjonijiet finanzjarji jeħtieġu biex jissodisfaw l-hekk imsejħa rekwiżiti ta' divulgazzjoni tal-"pilastru 3" tagħhom skont ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital. Dawn ir-rekwiżiti u punti ta' *data* ta' divulgazzjoni jkunu obbligatorji wkoll għall-impriżi kollha fil-kamp ta' applikazzjoni.

– Għadd ta' rekwiżiti ta' divulgazzjoni u punti ta' *data* relatati mal-forza tax-xogħol proprja tal-impriża, li jkunu obbligatorji għall-impriżi li jkollhom aktar minn 250 impjegat.

(d) L-introduzzjoni gradwali ta' għadd ta' rekwiżiti ta' divulgazzjoni meqjusa aktar diffiċli għall-impriżi. L-impriżi jitħallew iħallu barra metrika (*data*) fuq il-ktajjen tal-valur tagħhom għal perjodu ta' 3 snin. Barra minn hekk, ikun hemm ċerti fażijiet ta' bejn sena u 3 snin għal ċerta informazzjoni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin: l-effetti finanzjarji fuq l-impriża li jirriżultaw mill-klima; tqassim tal-impjegati skont is-sess; kopertura tan-negozjar kollettiv; pagi adegwati; protezzjoni soċjali; u t-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet.

L-analiżi kost-benefiċċji tal-EFRAG dwar l-ewwel sett ta' abbozzi tal-ESRS[20] tippreżenta valutazzjoni tal-impatt tal-ewwel sett ta' standards fost gruppi differenti ta' partijiet ikkonċernati (jiġifieri prinċipalment impriżi, investituri, NGOs, trade unions u s-soċjetà inġenerali tal-UE). Il-valutazzjoni tal-kostijiet u tal-benefiċċji tiddistingwi bejn il-kostijiet u l-

[20] Disponibbli fuq https://www.efrag.org/lab6. Din l-analiżi ġiet ikkummissjonata liċ-Ċentru għall-Istudji Politiċi Ewropej (CEPS) u lis-sieħeb tiegħu Milieu.

benefiċċji diretti, u l-kostijiet u l-benefiċċji indiretti[21]. B'mod ġenerali, il-kostijiet huma ħafna aktar viżibbli, tanġibbli u miżurabbli fi żmien qasir, filwaqt li l-benefiċċji huma fil-biċċa l-kbira intanġibbli u ma jistgħux jitkejlu, jiddependu minn żviluppi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi oħra, u se jsiru evidenti biss fuq terminu medju sa twil. Dawn il-kostijiet u l-benefiċċji stmati huma bbażati fuq l-istandards proposti ppreżentati mill-EFRAG u mhux fuq l-att delegat propost finali ppreżentat mill-Kummissjoni.

Wara l-preżentazzjoni mill-EFRAG tal-parir tekniku tiegħu lill-Kummissjoni u qabel l-adozzjoni ta' dan l-att delegat, il-Kummissjoni wettqet il-konsultazzjonijiet li ġejjin, kif meħtieġ mid-Direttiva dwar il-Kontabilità[22]:

– Konsultazzjoni konġunta tal-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri dwar il-Finanzi Sostenibbli u l-Kumitat Regolatorju tal-Kontabilità[23];

– konsultazzjoni mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA), l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), il-Kumitat tal-Korpi Ewropej għas-Sorveljanza tal-Awditjar (CEAOB) u l-Pjattaforma dwar il-Finanzi Sostenibbli.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppubblikat il-verżjoni finali proposta tal-att delegat għal perjodu ta' 4 ġimgħat ta' feedback pubbliku fuq il-portal "Semma' Leħnek" mid-9 ta' Ġunju sas-7 ta' Lulju 2023, f'konformità mal-linji gwida għal regolamentazzjoni aħjar.

Dawn il-konsultazzjonijiet ikkonfermaw li l-abbozz ta' standards ippreżentat mill-EFRAG jissodisfa b'mod ġenerali l-mandat tas-CSRD u jilħaq l-għanijiet ta' politika maħsuba fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Fl-istess ħin, xi rispondenti ġibdu l-attenzjoni għan-natura diffiċli għal ħafna impriżi ta' ħafna mir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni proposti mill-EFRAG, u b'mod partikolari għal impriżi li qabel ma kinux soġġetti għal rekwiżiti legali biex jirrapportaw informazzjoni dwar is-sostenibbiltà. Uħud mir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni l-aktar diffiċli fl-abbozz tal-istandards ippreżentat mill-EFRAG kienu jitqiesu li huma relatati mal-bijodiversità, mal-forza tax-xogħol proprja tal-impriża, u mad-divulgazzjonijiet rigward il-ħaddiema fil-katina tal-valur, il-komunitajiet affettwati, u l-konsumaturi u l-utenti finali.

Rispondenti oħra appoġġaw l-abbozz tal-istandards ippreżentati mill-EFRAG, inkluż l-approċċ propost għall-materjalità, l-introduzzjoni gradwali ta' ċerti rekwiżiti ta' divulgazzjoni u l-ispeċifikazzjoni ta' liema divulgazzjonijiet jenħtieġ li jkunu obbligatorji. Ħafna rispondenti enfasizzaw il-ħtieġa għal koerenza bejn l-informazzjoni li l-impriżi jiddivulgaw skont l-ESRS u l-informazzjoni meħtieġa mill-parteċipanti fis-swieq finanzjarji, l-amministraturi tal-parametri referenzjarji u l-istituzzjonijiet finanzjarji sabiex jikkonformaw

[21] *L-ESRS x'aktarx li jikkontribwixxi għar-rapportar ta' informazzjoni aktar rilevanti, komparabbli, affidabbli u utilizzabbli, aċċessibbli diġitalment, u obbligatorja dwar is-sostenibbiltà ta' għadd akbar ta' impriżi mill-NFRD. Dan se jippermetti lill-investituri jqisu aħjar ir-riskji ambjentali u soċjali fid-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom u jippermetti liċ-ċittadini, lit-trade unions, lill-NGOs, u lil organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà jżommu lill-impriżi responsabbli għall-impatti soċjetali u ambjentali tagħhom. L-implimentazzjoni xierqa tal-ESRS x'aktarx li fl-aħħar mill-aħħar tikkontribwixxi għal tnaqqis fir-riskji sistemiċi għall-ekonomija, żieda fil-flussi ta' kapital għall-impriżi li jindirizzaw kwistjonijiet ta' sostenibbiltà u tisħiħ tal-kuntratt soċjali bejn l-impriżi u ċ-ċittadini. Barra minn hekk, se tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet ambizzjużi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.*

[22] L-Artikolu 49(3b) tad-Direttiva dwar il-Kontabilità.

[23] Minbarra t-talba għal kummenti bil-miktub imressqa fil-25 ta' Novembru 2022 lill-ARC u fit-28 ta' Novembru 2022 lill-MSEGSF, ġiet organizzata laqgħa virtwali konġunta ARC-MSEGSF fil-15 ta' Diċembru 2022.

mal-obbligi ta' divulgazzjoni tagħhom stess rispettivament skont ir-Regolament dwar id-Divulgazzjoni tal-Finanzi Sostenibbli, ir-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji u r-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital

Bosta rispondenti enfasizzaw il-ħtieġa għal gwida addizzjonali biex l-impriżi jkunu jistgħu japplikaw l-istandards b'mod effiċjenti u konsistenti, b'mod partikolari iżda mhux biss fir-rigward tal-proċess ta' valutazzjoni tal-materjalità u d-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar il-katina tal-valur. Xi wħud minn dawk li wieġbu għamlu wkoll proposti biex itejbu l-koerenza ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-istandards mas-CSRD jew ma' partijiet oħra tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

Barra minn hekk, fl-istrateġija tagħha għall-kompetittività fit-tul, il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza ta' sistema regolatorja li tiżgura li l-objettivi jintlaħqu b'kostijiet minimi. Hija impenjat ruħha li tirrazzjonalizza l-obbligi ta' rapportar, filwaqt li żżomm l-objettivi ambizzjużi tal-leġiżlazzjoni tagħha. Filwaqt li ċerti obbligi ta' rapportar huma essenzjali, jeħtieġ li jkunu effiċjenti kemm jista' jkun, jevitaw id-duplikazzjonijiet, ineħħu piżijiet mhux meħtieġa u jużaw kemm jista' jkun soluzzjonijiet diġitali u interoperabbli. Fl-ispirtu ta' dan l-impenn, l-inizjattiva preżenti kompliet tissimplifika l-obbligi ta' rapportar, filwaqt li ma affettwatx il-kisba tal-objettiv tad-Direttiva. B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni għamlet il-modifiki li ġejjin għall-abbozz tal-istandards ippreżentat mill-EFRAG, bl-għan speċifiku li tiġi żgurata l-proporzjonalità u tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni korretta tal-istandards mill-impriżi:

- <u>Materjalità</u>: l-istandards kollha u r-rekwiżiti kollha ta' divulgazzjoni u l-punti ta' *data* f'kull standard se jkunu soġġetti għal valutazzjoni tal-materjalità mill-impriża, bl-eċċezzjoni tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni speċifikati fl-istandard "Divulgazzjonijiet ġenerali". Dan huwa differenti mill-proposta tal-EFRAG biss sa fejn l-EFRAG ippropona tliet eċċezzjonijiet oħra għall-prinċipju ġenerali tal-materjalità (l-istandard tal-klima; punti ta' *data* derivati mir-Regolament dwar id-Divulgazzjoni dwar il-Finanzi Sostenibbli, ir-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji u r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tal-"pilastru 3" tar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital; u, fil-każ ta' impriżi b'aktar minn 250 impjegat, ċerti punti ta' *data* dwar il-forza tax-xogħol tal-impriża stess). Billi tapplika l-prinċipju tal-materjalità b'mod aktar wiesa' u tirrikjedi li l-impriżi jiffukaw fuq dawk l-impatti, ir-riskji u l-opportunitajiet li ġew ivvalutati bħala materjali, din il-miżura hija mistennija li twassal għal tnaqqis sinifikanti fil-piż għall-impriżi u tgħin biex jiġi żgurat li l-istandards ikunu proporzjonati. Madankollu, ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni soġġetti għall-materjalità mhumiex volontarji. L-informazzjoni inkwistjoni trid tiġi żvelata jekk tkun materjali, u l-proċess ta' valutazzjoni tal-materjalità tal-impriża huwa soġġett għal assigurazzjoni esterna skont id-dispożizzjonijiet tas-CSRD. L-istandards jirrikjedu li l-impriżi jwettqu valutazzjoni robusta tal-materjalità biex jiżguraw li l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi u r-rekwiżiti tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà tiġi divulgata. Il-Kummissjoni talbet lill-EFRAG iħejji gwida addizzjonali għall-impriżi dwar, fost affarijiet oħra, il-valutazzjoni tal-materjalità. L-istandards jispeċifikaw ukoll li:
    - Jekk impriża tikkonkludi li t-tibdil fil-klima mhuwiex suġġett materjali u li għalhekk ma tirrapportax skont dak l-istandard, hija għandha tiddivulga spjegazzjoni dettaljata tal-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-materjalità tagħha fir-rigward tat-tibdil fil-klima. Din id-dispożizzjoni hija inkluża fir-rikonoxximent tal-effetti mifruxa u sistemiċi tat-tibdil fil-klima fuq l-ekonomija kollha kemm hi.

– Jekk impriża tikkonkludi li punt ta' *data* li jirriżulta mir-Regolament dwar id-Divulgazzjoni dwar il-Finanzi Sostenibbli, ir-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji jew ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tal-"pilastru 3" skont ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital mhuwiex materjali, din għandha tiddikjara b'mod espliċitu li l-punt tad-*data* inkwistjoni huwa "mhux materjali". Barra minn hekk, l-impriżi għandhom jiddivulgaw tabella b'dawn il-punti ta' *data* kollha, filwaqt li jindikaw fejn jinsabu fid-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà tagħhom jew jiddikjaraw "mhux materjali" kif xieraq. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-konformità tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji, tal-amministraturi tal-parametri referenzjarji u tal-istituzzjonijiet finanzjarji mal-obbligi ta' divulgazzjoni tagħhom stess rispettivament skont ir-Regolament dwar id-Divulgazzjoni tal-Finanzi Sostenibbli, ir-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji u r-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital.

- <u>L-introduzzjoni gradwali ta' ċerti rekwiżiti</u>: barra mill-introduzzjonijiet gradwali proposti mill-EFRAG, il-Kummissjoni pprevediet aktar introduzzjonijiet gradwali li se jgħinu lill-kumpaniji kollha, u b'mod partikolari lill-kumpaniji iżgħar li huma soġġetti għal rekwiżiti ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà għall-ewwel darba, biex japplikaw l-istandards b'mod effettiv. L-introduzzjonijiet gradwali addizzjonali introdotti mill-Kummissjoni huma:

  – Impriżi b'inqas minn 750 impjegat jistgħu jħallu barra: id-*data* dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-ambitu tal-kamp ta' applikazzjoni 3 u r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni speċifikati fl-istandard dwar il-"forza tax-xogħol proprja" fl-ewwel sena li fiha japplikaw l-istandards; u r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni speċifikati fl-istandards dwar il-bijodiversità u dwar il-ħaddiema fil-katina tal-valur, il-komunitajiet affettwati, u l-konsumaturi u l-utenti finali fl-ewwel sentejn li fihom japplikaw l-istandards.

  – L-impriżi kollha jistgħu jħallu barra l-informazzjoni li ġejja fl-ewwel sena li huma japplikaw l-istandards: l-effetti finanzjarji antiċipati relatati ma' kwistjonijiet ambjentali mhux klimatiċi (it-tniġġis, l-ilma, il-bijodiversità, u l-użu tar-riżorsi); u ċerti punti ta' *data* relatati mal-forza tax-xogħol proprja tagħhom (protezzjoni soċjali, persuni b'diżabbiltà, mard relatat max-xogħol, u bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata).

- <u>Li ċerti divulgazzjonijiet isiru volontarji</u>: l-abbozz tal-istandards ippreżentat mill-EFRAG diġà kien jinkludi ħafna punti ta' *data* volontarji. Il-Kummissjoni kkonvertiet ukoll għadd ta' punti ta' *data* obbligatorji proposti mill-EFRAG f'punti ta' *data* volontarji. Dan jinkludi, pereżempju: pjanijiet ta' tranżizzjoni tal-bijodiversità; ċerti indikaturi dwar "persuni mhux impjegati" fil-forza tax-xogħol proprja tal-impriża[24]; u spjegazzjoni dwar għaliex l-impriża tista' tikkunsidra suġġett partikolari ta' sostenibbiltà bħala mhux materjali.

- <u>Flessibbiltajiet ulterjuri f'ċerti divulgazzjonijiet</u>: minbarra li għamlet ċerti punti ta' *data* volontarji, il-Kummissjoni introduċiet ukoll ċerti flessibbiltajiet għal xi wħud mill-punti ta' *data* obbligatorji. Pereżempju, hemm flessibbiltajiet addizzjonali fir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni dwar l-effetti finanzjarji li jirriżultaw mir-riskji għas-

[24] "Persuni mhux impjegati" huma persuni li jaħdmu għal rashom jew persuni li ġew ipprovduti minn impriżi primarjament involuti f'"attivitajiet ta' impjieg" (Kodiċi N78 tan-NACE).

sostenibbiltà u dwar l-interazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, u fil-metodoloġija li għandha tintuża għall-proċess ta' valutazzjoni tal-materjalità. Barra minn hekk, il-Kummissjoni mmodifikat il-punti ta' *data* rigward il-korruzzjoni u t-tixħim u rigward il-protezzjoni tal-informaturi li jistgħu jitqiesu li kisru d-dritt li wieħed ma jinkriminax lilu nnifsu.

- Koerenza mal-qafas legali tal-UE: Modifiki tekniċi biex jiġi żgurat allinjament aħjar ma' dispożizzjonijiet oħra fid-Direttiva dwar il-Kontabilità u ma' partijiet rilevanti oħra tal-leġiżlazzjoni, pereżempju fir-rigward tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi u r-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti.

- Interoperabbiltà ma' inizjattivi globali li jistabbilixxu l-istandards: il-Kummissjoni u l-EFRAG komplew jaħdmu mill-qrib mal-Bord tal-Istandards Internazzjonali tas-Sostenibbiltà u mal-Inizjattiva Globali tar-Rapportar biex jiżguraw livell għoli ta' interoperabbiltà mal-ESRS, u saru aktar modifiki għall-abbozz tal-ESRS fid-dawl ta' dik il-ħidma.

- Modifiki editorjali u ta' preżentazzjoni: il-Kummissjoni għamlet bidliet editorjali u ta' preżentazzjoni biex ittejjeb iċ-ċarezza, l-użabbiltà u l-koerenza tal-istandards. Dan jinkludi, pereżempju, l-introduzzjoni ta' konvenzjoni ta' abbozzar biex jiġu identifikati b'mod ċar it-termini kollha li għalihom l-ESRS għandu definizzjoni preċiża.

Il-Kummissjoni tantiċipa li l-miżuri ta' introduzzjoni gradwali addizzjonali proposti se jippermettu tnaqqis tal-kost totali matul il-perjodu ta' introduzzjoni gradwali ta' EUR 1 172 miljun meta mqabbel mal-abbozz ta' standards proposti mill-EFRAG. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tistma li l-modifiki proposti fir-rigward tal-materjalità, flimkien ma' li ċerti divulgazzjonijiet isiru volontarji, se jnaqqsu l-kostijiet b'EUR 230 miljun fis-sena meta mqabbla mal-proposta tal-EFRAG. Dawn l-istimi tal-kostijiet huma bbażati fuq l-aktar modifiki sostanzjali li saru meta mqabbla mal-abbozzi tal-EFRAG. Huma bbażati fuq suppożizzjonijiet konservattivi, peress li t-tnaqqis fl-ispejjeż addizzjonali kkawżat minn modifiki oħra (aktar flessibbiltajiet fuq ċerti divulgazzjonijiet, koerenza mtejba mal-qafas legali tal-UE, interoperabbiltà ma' inizjattivi globali li jistabbilixxu l-istandards u modifiki editorjali u ta' preżentazzjoni) ma setgħux jiġu kkwantifikati f'dan l-istadju b'mod sinifikanti.

Il-Kummissjoni qed tistabbilixxi mekkaniżmu ta' interpretazzjoni biex tipprovdi interpretazzjoni formali tal-istandards. Il-Kummissjoni talbet ukoll lill-EFRAG jippubblika gwida addizzjonali u materjal edukattiv, li jindirizza l-proċess tal-valutazzjoni tal-materjalità u kwistjonijiet oħra.

Il-Kummissjoni vvalutat ukoll il-konsistenza ta' dan l-att delegat mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima (ir-Regolament (UE) 2021/1119)[25], u mal-objettiv li jiġi żgurat progress fl-adattament kif imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Dan l-att delegat huwa bbażat fuq l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 29b(1) tad-Direttiva dwar il-Kontabilità.

[25] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

Huwa jispeċifika l-Istandards Ewropej tar-Rapportar dwar is-Sostenibbiltà (ESRS) li l-impriżi għandhom jużaw biex iwettqu r-rapportar dwar is-sostenibbiltà tagħhom f'konformità mal-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva dwar il-Kontabilità.

Dan l-att delegat huwa akkumpanjat mill-Annessi li ġejjin:

– L-Anness I, li jinkludi:

  - *Standards trasversali*:

    ESRS 1 Rekwiżiti ġenerali
    ESRS 2 Divulgazzjonijiet ġenerali

  - *Standards dwar kwistjonijiet Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza:*

    ESRS E1 Tibdil fil-klima
    ESRS E2 Tniġġis
    ESRS E3 Riżorsi tal-ilma u tal-baħar
    ESRS E4 Bijodiversità u ekosistemi
    ESRS E5 Użu tar-riżorsi u ekonomija ċirkolari
    ESRS S1 Forza tax-xogħol proprja
    ESRS S2 Ħaddiema fil-katina tal-valur
    ESRS S3 Komunitajiet affettwati
    ESRS S4 Konsumaturi u utenti finali
    ESRS G1 Kondotta kummerċjali

– L-Anness II, li jinkludi l-lista ta' Akronimi u l-Glossarju bid-definizzjonijiet li jridu jintużaw għall-finijiet tat-twettiq tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà f'konformità mal-ESRS.

Dan l-att delegat japplika mill-1 ta' Jannar 2024 għall-impriżi li kienu diġà soġġetti għar-rekwiżiti ta' rapportar mhux finanzjarju introdotti mid-Direttiva dwar ir-Rapportar Mhux Finanzjarju. L-applikazzjoni tiegħu se tiddaħħal gradwalment għal kategoriji oħra ta' impriżi abbażi tal-approċċ gradwali stabbilit fl-Artikolu 5 tas-CSRD[26]. L-SMEs elenkati se jkollhom l-għażla li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' rapportar tagħhom skont is-CSRD billi jirrapportaw skont standards separati u proporzjonati li l-Kummissjoni se tadotta sal-aħħar ta' Ġunju 2024.

---

[26] Mis-snin finanzjarji li jibdew fl-1 ta' Jannar 2024 jew wara:
i) impriżi kbar li huma Entitajiet ta' Interess Pubbliku (PIEs) li fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom jaqbżu n-numru medju ta' 500 impjegat matul is-sena finanzjarja;
ii) PIEs li huma impriżi prinċipali ta' grupp kbir li fid-dati tal-karta tal-bilanċ tiegħu jaqbżu, fuq bażi konsolidata, in-numru medju ta' 500 impjegat matul is-sena finanzjarja;

Mis-snin finanzjarji li jibdew fl-1 ta' Jannar 2025 jew wara:
i) impriżi kbar għajr impriżi kbar li huma Entitajiet ta' Interess Pubbliku (PIEs) li fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom jaqbżu n-numru medju ta' 500 impjegat matul is-sena finanzjarja;
ii) impriżi prinċipali ta' grupp kbir minbarra PIEs li huma impriżi prinċipali ta' grupp kbir li fid-dati tal-karta tal-bilanċ tiegħu jaqbeż, fuq bażi konsolidata, in-numru medju ta' 500 impjegat matul is-sena finanzjarja;

Mis-snin finanzjarji li jibdew fl-1 ta' Jannar 2026 jew wara (bl-għażla ta' għażla volontarja ta' esklużjoni għas-snin finanzjarji 2026 u 2027):
i) impriżi żgħar u ta' daqs medju b'titoli elenkati fis-swieq regolati tal-UE, bl-esklużjoni ta' mikroimpriżi;
ii) istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi, dment li jkunu impriżi kbar jew li jkunu impriżi żgħar u ta' daqs medju b'titoli elenkati fis-swieq regolati tal-UE, bl-esklużjoni tal-mikroimpriżi;
iii) għal impriżi tal-assigurazzjoni kaptivi u impriżi tar-riassigurazzjoni kaptivi, dment li jkunu impriżi kbar jew li jkunu impriżi żgħar u ta' daqs medju b'titoli elenkati fis-swieq regolati tal-UE, bl-esklużjoni tal-mikroimpriżi.

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 31.7.2023**

**li jissupplimenta d-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE[27], u b'mod partikolari l-Artikolu 29b(1), l-ewwel subparagrafu tagħha.

Billi:

(1) Id-Direttiva 2013/34/UE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2022/2464[28], tirrikjedi li l-impriżi kbar, l-impriżi żgħar u ta' daqs medju b'titoli ammessi għan-negozjar fis-swieq regolati tal-UE, kif ukoll l-impriżi prinċipali ta' gruppi kbar, jinkludu f'taqsima ddedikata tar-rapport ta' ġestjoni jew tar-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat tagħhom l-informazzjoni meħtieġa sabiex jinftiehmu l-impatti tal-impriża fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, u l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġi mifhum kif kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà jaffettwaw l-iżvilupp, il-prestazzjoni u l-pożizzjoni tal-impriża. L-impriżi jridu jħejju din l-informazzjoni f'konformità mal-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà b'bidu mis-sena finanzjarja indikata fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva (UE) 2022/2464 għal kull kategorija ta' impriżi.

(2) Il-Kummissjoni hija meħtieġa li sat-30 ta' Ġunju 2023 tadotta l-ewwel sett ta' standards li jispeċifikaw l-informazzjoni li l-impriżi jridu jirrapportaw skont l-Artikolu 19a(1) u (2), u l-Artikolu 29a(1) u (2) ta' dik id-Direttiva, inkluż mill-inqas l-informazzjoni li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jeħtieġu sabiex jikkonformaw mal-obbligi ta' divulgazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29].

(3) Il-Kummissjoni qieset il-parir tekniku pprovdut mill-EFRAG. Il-parir tekniku indipendenti tal-EFRAG jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 49(3b), l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi, tad-Direttiva 2013/34/UE. Sabiex tiżgura l-proporzjonalità u tiffaċilita l-applikazzjoni korretta tal-istandards mill-impriżi, il-Kummissjoni introduċiet modifiki għall-parir tekniku tal-EFRAG fir-rigward tal-approċċ ta' materjalità, l-introduzzjoni gradwali ta' ċerti rekwiżiti, il-konverżjoni ta' ċerti

---

[27] ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19.

[28] Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15).

[29] Ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji (ĠU L 317, 9.12.2019, p. 1).

rekwiżiti f'punti ta' *data* volontarji, l-introduzzjoni ta' flessibbiltajiet f'għadd ta' rekwiżiti ta' divulgazzjoni, l-introduzzjoni ta' modifiki teknići biex tiġi żgurata l-koerenza mal-qafas legali tal-Unjoni u livell għoli ta' interoperabbiltà ma' inizjattivi globali li jistabbilixxu l-istandards, kif ukoll modifiki editorjali.

(4) Dawn l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 29b tad-Direttiva 2013/34/UE.

(5) Għalhekk jenħtieġ li jiġu adottati standards komuni tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà.

(6) F'konformità mar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 29b(1) tad-Direttiva 2013/34/UE, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jidħolx fis-seħħ qabel 4 xhur wara l-adozzjoni tiegħu mill-Kummissjoni. Meta jitqies li l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva (UE) 2022/2464 jirrikjedi li ċerti kategoriji ta' impriżi japplikaw dawn l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għas-snin finanzjarji li jibdew fl-1 ta' Jannar 2024 jew wara, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(7) F'konformità mar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 49(3b) tad-Direttiva 2013/34/UE, il-Kummissjoni kkonsultat b'mod konġunt mal-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri dwar il-Finanzi Sostenibbli, imsemmi fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30], u mal-Kumitat Regolatorju tal-Kontabilità, imsemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31]. Skont il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 49(3b) tad-Direttiva 2013/34/UE, il-Kummissjoni talbet l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) u tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA), b'mod partikolari fir-rigward tal-konsistenza ta' dan ir-Regolament mar-Regolament (UE) 2019/2088 u mal-atti delegati adottati skont dak ir-Regolament. F'konformità mas-sitt subparagrafu tal-Artikolu 49(3b) tad-Direttiva 2013/34/UE, il-Kummissjoni kkonsultat ukoll lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kumitat tal-Korpi Ewropej għas-Sorveljanza tal-Awditjar u l-Pjattaforma dwar il-Finanzi Sostenibbli stabbilita skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2020/852,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

L-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà li l-impriżi jridu jużaw biex iwettqu r-rapportar tagħhom dwar is-sostenibbiltà f'konformità mal-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE skont l-iskeda ta' żmien stabbilita fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva (UE) 2022/2464 huma stabbiliti fl-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament.

---

30 Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

31 Ir-Regolament (UE) 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità (ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1).

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024 għas-snin finanzjarji li jibdew fl-1 ta' Jannar 2024 jew wara.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 31.7.2023

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
*Ursula VON DER LEYEN*